MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 323/1998/2

**Dottor Hugh Peralta LL.D. fil-kwalita tieghu bhala mandatarju specjali ta’ Ismail Mohammed Mustafa Radi u tas-socjeta’ Al Mutawakil Shipping Corporation Limited.**

**vs**

**Dr. Mark Camilleri LL.D. li b’digriet tat-30 ta’ Lulju, 1997 kien appuntat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lil Jebali Mohammed Fouad Chedli u lis-socjeta’ Rank Shipping Limited socjeta’ Registrata hawn Malta u id-Deputat Registratur tal-Qorti u Dr. Christopher Vella LL.D. PL Madelene Firman nominati kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill assenti Jebali Mohammed Fouad Chedli b’digriet tas-6 ta’ Awissu, 1998.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fil-21 ta' Mejju, 1997 giet prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri kawza Citz. Numru 1150/97 fl-ismijiet "Dr. Hugh Peralta LL.D. fil-kwalita tieghu bhala mandatarju specjali ta' Ismail Mohammed Mustafa Radi u tas-socjeta Al Mutawakil Shipping Corporation Limited –vs- Dr. Mark Camilleri LL.D. noe",

Premess illi fil-15 ta' Dicembru, 1997 giet prezentata nota (kopja ezibit –Dok "A") fir-Registru tal-Prim' Awla fl-imsemmija kawza, mill-Avukat Dr. Carmel Chircop ;

Premess illi fuq talba tal-konvenut din in-nota giet interpretata mir-Registratur tal-Qorti bhala nota ta' cessjoni valida skond il-ligi u b'hekk inharget taxxa Dok "B";

Premess illi din in-nota hi irrita u nulla u ghalhekk ma hemmx cessjoni valida stante li l-attur ma deherx fir-Registru sabiex jipprezenta l-istess u dana a tenur tal-artikolu specifici tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u skond il-prassi kostanti u il-gurisprudenza;

Premess illi r-Registratur u l-konvenut gew mitluba jqiesu din in-Nota bhala invalida, kif ukoll li c-cessjoni u r-relattiv taxxa mahduma a bazi ta' din in-nota bhala mhux validi, izda dawn irrifjutaw;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. li n-nota in kwistjoni Dok "A" ma tikkostitwixi skond il-ligi cessjoni valida u li n-nota hi irrita, nulla u bla effett, u

2. li ghalhekk ma hemmx cessjoni u li t-taxxa mahruga hi wkoll irrita, nulla u bla effett.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet** konvenut **Registratur tal-Qorti** a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Il-gudizzju ma huwiex integru peress li m'hux kull min hu nteressat fit-taxxa attakkata huwa parti fih.

2. Salv il-premess l-attur irid jipprova li huwa ma hatarx lill-Avukat tieghu Dr Carmel Chircop bhala prokuratur tieghu awtorizzat b'mod specjali biex jipprezenta n-nota ta' cessjoni li kopja taghha tinsab annessa mic-citazzjoni bhala dokument "A" ; in difett l-istess nota ta' cessjoni ghandha tigi ritenuta ritwali ghaliex m'hux il-kaz li jigi ritenut li Dr Chircop ecceda l-mansjoni tieghu.

3. Jekk jigi pruvat li Dr Chircop kien awtorizzat jipprezenta l-imsemmija nota ta' cessjoni, allura l-istess nota hija valida kif jiddisponi l-artikolu 180(2)(ii) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

4. Jekk in-nota ta' cessjoni ma tigix ritenuta , allura l-eccipjent jissottometti li t-taxxa , dokument "B" , ghandha konsegwenzjalment tigi dikjarata inattendibbli .

5. Fis-sens suespost l-eccipjent jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti , pero' m'ghandux ibati spejjez.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Mark Camilleri u Dr. Lennart Depasquale** ghan-nom tas-socjeta' konvenuta a fol. 12 tal-process fejn eccepixxu ;

1. Illi preliminarjament, ai termini tan-nota prezentata minn Dr. Mark Camilleri LL.D. fl-atti tal-kawza numru 1149/97 GV, huwa jirraprezenta unikament lis-socjeta' konvenuta Rank Maritime Limited u mhux lill-konvenuti kollha.

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li n-nota ta' cessjoni msemmija fl-att tac-citazzjoni hija valida.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi** ara fol 37 fil kawza 324/98 fejn eccepew:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatt li taw lok ghal din il-kawza.

2. Illi jirrizervaw id-dritt li jirpprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu mgharrfa lill-eccipjenti il-fatt li taw lok ghal din il-kawza.

Rat in-nota a fol 16;

Rat id-digrieti a fol. 28 u 29;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F'dina l-kawza l-attur qed jitlob li n-nota ta' cessjoni Dok "A" ma tikkostitwixi skond il-ligi cessjoni valida u ghalhekk hija irrita , nulla u bla effett, u li ma hemmx cessjoni u li t-taxxa mahruga hi wkoll irrita, nulla u bla effett.

L-attur qed jissottometti li skond l-artikolu 180(2) (iii) tal-Kap 12 in-nota ta' cessjoni fir-Registru kellha ssir mill-parti, waqt li l-Avukat jista' jipprezenta in-nota ta' cessjoni waqt is-smigh tal-kawza.

In-nota Dok A a fol. 5 gie maghmula minn Dottor Carmel Chircop ghan nom ta' l-attur u biha ceda l-atti tal-kawzi.

Minn dina n-nota jirrizulta car li Dr. Chircop kien qed jaghmel in-nota ta' cessjoni ghan nom ta' l-attur ghax kien debitament awtorizzat mill-attur.

Dr. Chircop li jahdem fl-ufficju legali ta’ Dr. H. Peralta xehed li hu jaghmel ix-xoghol ta’ shipping fl-ufficcju ta’ Dr. Peralta u hu qatt ma jiddiskuti xoghol ta’ shipping mieghu sakemm ma tinvolvihx personalment jew dwar xi parir (fol. 56). F’dan il-kaz hu pprepara d-drafts tal-kawzi li gew prezentati mill P.L.Montanaro. Hu kien deher fil kawzi u meta l-Qorti imponiet security fuq l-attur noe biex jaghmel tajjeb ghat-talba tieghu, hu ceda l-kawzi billi l-attur noe ma kienx lest li johrog flus. Hu ceda l-kawzi meta t-terminu moghti mill Qorti biex jaghmel is-security skada. Il-kljenti kien infurmat b’dak li kien qed jigri. Dr. Chircop kellu struzzjonijiet minghand il-kljent li jekk l-Qorti timponi xi garanzija, hu ma kellux jipprocedi oltre bil-kawzi, cjoe kellu icedihom.

Skond l-artikolu 695 (1) tal-Kap 12 kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni, maghmula bil- fomm jew bil-miktub, minn avukat jew prokuratur legali, tista’ titregga’ lura bil-mezz ta’ nota, f’kull waqt tal-kawza, ukoll fil- qorti fi grad ta’ appell, qabel is-sentenza, basta li ma jigix ippruvat illi l-avukat jew il-prokuratur legali kien ghamel id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b’inkarigu specjali tal-parti.

Fil-kaz in ezami jirrizulta sodisfacentement li Dr. Chircop kien qed jagixxi b’inkarigu specjali tal-kljent u fl-ebda hin dana l-inkarigu ma gie mregga lura b’nota.

Skond il-gurisprudenza id-difensur ta’ parti ghandu jitqies bhala mandatarju specjali tal-kljent tieghu (ara G. Debono vs G. Debono App 13 ta’ Marzu 1953 Vol 37 p 1 p 99). L-avukat huwa mandatarju specjali tal-klijent ai finijiet tal-kawza.

Illi skond l-Art 180 (2)(ii)(iii) tal-Kap 12 jipprovvdi li:

Ebda skrittura li jkun fiha rinunzja ghall-atti, jew ammissjoni tat-talba, jew il-kunsens ghal zbank ta’ depozitu, ma tista’ tigi pprezentata hlief -

(i) mill-persuni msemmijin fil-paragrafi *(*a) u *(c*`) tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu, jew

(ii) minn prokuratur awtorizzat b'mod specjali ghal daqshekk, jew

(iii) mill-avukat, meta l-prezentata ta' dawn l-iskritturi ssir waqt is-smigh tal-kawza.

Fil-kaz in ezami japplika s-subartikolu 2(ii) li jitkellem dwar "prokuratur awtorizzat b'mod specjali ghall-daqshekk", u Dr. Chircop kien mandatarju specjali ghal daqshekk.

Japplika wkoll s-subartikolu 2(iii) billi Dr. Chircop kien awtorizzat li jipprezenta n-nota ta' cessjoni u ma kienx hemm bzonn ta' l-attur personalment li jipprezenta n-nota fir-registru hu.

Ghalhekk jirrizulta li Dr. Chircop kien awtorizzat taht dan l-artikolu, u ai termini tal-Ligi li jipprezenta n-nota ta' cessjoni b'mod li dina issa hija valida a termini tal-Ligi.

Finalment skond is-sentenza fuq riferita r-revoka ta' dikjarazzjoni jew allegazzjoni in bazi ghal dan il-motiv, ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira, minhabba d-dannu li generalment jirrizulta minnha lill-parti l-ohra, li ghandha d-dritt tibbenefika mill-allegazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet tal-avversarju (Vol 37 p 1 p 99).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet ta' l-attur noe
bl-ispejjez kontra tieghu

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------